18 ta' Marzu, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Qorti *versus* Carmelo Formosa

**"Maintenance Order" — Alimenti — Mara — Ġudikat — "National Assistance Board" — Azzjoni "debitor debitoris mei" — Kuratriċi "ad litem" — Kuratur — Filjazzjoni Leġittima — Denegata Paternità — Żwieġ — Nullità — "Audi Alteram Partem" — Art. 88 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 792 para. (1) (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Section 43 tan-"National Assistance Act, 1948"**

*L-azzjoni li biha n-"National Assistance Board" tal-Ingilterra jitlob "maintenance order" kontra individwu residenti f'Malta biex dan iħallsu l-assistenza li dak il-Board ikun ta lill-mara u lit-tfal ta' dak l-individwu fl-Ingilterra taħt il-provvedimenti tan-National Assistance Act,* 1948, *hija l-azzjoni oblikwa "debitor debitoris mei"; għax il-Board, intant jista' jaġixxi kontra dak l-individwu, in kwantu dan huwa obligat imantni l-persuni assistiti mill-Board stess; u għalhekk, jekk il-konvenut quddiem il-Qorti lokali jista' jopponi kontra dawk il-persuni r-"res judicata", huwa jista' jagħti dan l-eċċezzjoni anki kontra dak il-Board.*

*Il-proċediment fil-każ ta' "Maintenance Orders" huwa uniku; jibda f'pajjiż u jispiċċa f'ieħor. Meta l-mara tibda dak il-proċediment quddiem il-Qorti ta' barra, hija attriċi f'dak il-proċediment; u għalhekk hija parti anki fil-proċedura speċjali sussegwenti li ssir f'Malta fuq l-istess atti, għalkemm hija tkun materjalment assenti.*

*Imma, għalkemm f'dak il-proċediment il-mara tkun talbet l-alimenti għaliha u għal uliedha wkoll, ma jistax jingħad li f'dak il-proċediment il-mara kienet tirrappreżenta leġittimament l-uliedha fil-ġudizzju għall-finijiet tad-drittijiet ċivili tagħhom, jekk hija ma kienetx ġiet maħtura*

*bħala kuratriċi "ad litem" ta' uliedha, jew ma kellhiex ir-rappreżentanza legali tagħhom. U tabilħaqq, il-liġi stess tirrikjedi li l-azzjoni għaċ-ċaħda tal-paternità ssir kontra kuratur tal-minuri mqabbad mill-Qorti. Għaldaqstant, apparti konsiderazzjonijiet oħra, jekk is-sentenza lokali tkun ċaħdet l-Ordni provviżorju tal-Qorti ta' barra dwar l-alimenti, ma jistgħax jingħad li dik is-sentenza tifforma ġudikat anki fuq l-istat ċivili tal-minuri.*

*Jekk mhgħad, fil-proċediment quddiem il-Qorti lokali, l-istess Qorti tissolleva l-kwistjoni tal-validità taż-żwieġ tal-konvenut u l-mara li qegħedha barra, kif ukoll il-kwistjoni tal-istat ċivili tal-ulied li twieldu minn dak iż-żwieġ, dawn l-eċċezzjonijiet huma tant gravi li huwa dejjem prudenti u konsiljabbli li l-Qorti lokali, jew tissoprassjedi sakemm dawn il-kwistjonijiet inċidentali jiġu dedotti b'azzjoni appożita u deċiżi in vija prinċipali in kontestazzjoni tal-leġittimu kontradittur, jew almenu tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti ta' barra biex tisma l-provi ulterjuri fuq l-inċident, u hekk tagħti l-opportunità lill-parti assenti li tiddefendi ruħha. Jekk ma tagħmelx hekk, il-Qorti lokali ma tkunx qagħdet fuq dawk il-kwistjonijiet, għall-prinċipju fondamentali tal-ġustizzja naturali "audi alteram partem".*

*Għaldaqstant, jekk fil-ġudizzju quddiem il-Qorti lokali biex din tikkonferma jew tirrespinġi l-Ordni provviżorju tal-Qorti ta' barra, il-Qorti lokali, wara li tkun qajmet hija stess dawk il-kwistjonijiet, tiddeċidi li ż-żwieġ kien null u li t-tfal mhumiex leġittimi, jew li ma humiex rikonoxxuti mill-konvenut, u in vista ta' dan hija tirrespinġi l-ordni provviżorju tal-Qrati ta' barra, u dan isir in vjolazzjoni ta' dawn il-prinċipji proċedurali, dik is-sentenza tal-Qorti lokali ġġib lill-mara u lill-uliedha preġudizzju gravi li ma hux rimedjabbli ħlief billi tiġi annullata dik is-sentenza; u bħala nulla, dik is-sentenza ma tistgħax ikollha l-forza u l-effikaċja ta' ġudikat.*

Il-Qorti;

Rat iċ-ċitazzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha, wara li ġie premess illi n-National Assistance Board, per mezz tal-uffiċjal tiegħu Walter Lewis, għamel ilment, taħt in-National Assistance Act, 1948, u l-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Act, 1920, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (li hija "a Petty Sessional Council") li żżomm

seduta fil-Court House, Chester-le-Street, County of Durham, (1) li l-konvenut huwa r-raġel ta' Isabella Formosa, u missier Constance Maria, Fredrick Charles u Isabella, tliet itfal minorenni, u hekk huwa tenut imantnihom skond is-sezzjoni 42 tan-National Assistance Act, 1948, (2) u illi, b'riferenza għall-bżonnijiet ta' dawn, taħt it-tieni parti ta' dak l-Att, ġiet mogħtija għajnuna fis-16 ta' Novembru 1953, u qegħedha tkompli tiġi mogħtija; u illi taħt is-sezzjoni 3 tal-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Act, 1920, saret applikazzjoni quddiem il-Qorti fuq imsemmija biex isir ordni provviżorju kontra l-konvenut taħt is-sezzjoni 43 tan-National Assistance Act, 1948, għall-kundanna ta' dan skond il-forma tal-Istatut, biex iħallas somma, fil-ġimgħa jew xort'oħra, li jidhrilha l-Qorti; u illi dik il-Qorti, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 1953, għamlet ordni li biħ il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-atturi, fil-mod hemm stabbilit, (a) is-somma ta' £1. 10. 0 fil-ġimgħa rigward l-assistenza mogħtija lill-martu, (b) tliet somom ta' 9s. 2d. l-waħda għar-rigward tal-assistenza mogħtija lit-tliet itfal fuq imsemmija, sakemm kull wieħed jagħlaq is-sittax il-sena, u (c) is-somma ta' £5. 13. 6 għall-ispejjeż tal-Qorti li saru mill-Board għall-otteniment tal-ordni fuq imsemmija; ġie mħarrek il-konvenut biex jgħid għaliex ma għandhiex dik il-Qorti tikkonferma l-ordni tal-10 ta' Diċembru 1953 fuq imsemmi;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi kontra t-talba attriċi hemm ostakolu tal-ġudikat mogħti minn dik il-Qorti Prim'Awla Ċivili fid-19 ta' Mejju 1954 (recte 1952); u fil-meritu, illi l-eċċipjenti ilu bosta żmien jipprova jġib lil Isabella Formosa hawn Malta biex jiżżewwiġha skond ir-rit kattoliku u joqgħod hawn fejn għandu x-xogħol tiegħu, iżda bla ebda suċċess;

Rat id-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Ottubru 1954, li biħ il-Professur Dr. Victor Caruana bħala rappreżentant tan-National Assistance Board, ġie ammess fil-kawża "in statu et terminis";

Rat id-digriet l-iehor tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Jannar 1955, li bih, mingħajr preġudizzju tal-eċċezzjoni tar-"res judicata", ġie msejjah fil-kawża il-Professur Dr. Victor Caruana, bħala prokuratur tal-imsiefra Isabella Formosa, tant f'isimha proprju kemm fl-interess ta' uliedha minuri Constance Maria, Fredrick Charles, u Isabel, aħwa Formosa;

Rat in-nota tal-konvenut tas-16 ta' Mejju 1956 (fol. 87), li biha ddikjara li ma jirrikonoxxix bħala bintu lill-minuri Isabella Formosa;

Rat l-atti tal-kawża l-oħra fl-istess ismijiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Mejju 1952;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju 1956, li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tar-"res judicata" fil-konfront tal-imsemmija Isabella Formosa neé Gray u ta' bintha Constance Maria Formosa, kif ukoll, fis-sens u bil-limitazzjoni premessi, anki fil-konfront tal-minuri Fredrick Charles Formosa u tan-National Assistance Board, salva dejjem, rigward dawn tal-aħħar, il-kwistjoni dwar il-kambjamanent fir-rata alimentarja, u jekk ikun hemm bżonn; u ċaħdet dik l-eċċezzjoni fil-konfront tal-minuri Isabel Formosa; u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali; billi dik il-Qorti kkunsidrat, dwar l-eċċepita "res judicata", opposta mill-konvenut;

Illi l-imsemmija Isabella Formosa, mart il-konvenut, kienet għamlet talba lill-Court of Summary Jurisdiction ta' Durham biex l-istess konvenut jissomministralha manteniment xieraq għaliha u għat-tfal minuri Maria u Fredrick Charles, u dik il-Qorti, b'ordni tal-5 ta' Diċembru 1951, kienet ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-imsemmija Isabella Formosa s-somma ta' £1. 10. 0 fil-ġimgħa, kif ukoll is-somma ta' 7s. 6d. fil-ġimgħa għal kull wieħed mill-imsemmija minuri sakemm jilħqu s-sittax il-sena;

Illi meta dak l-ordni ġie quddiem il-Qrati lokali għall-konferma, din il-Qorti diversament presjeduta, b'sentenza tad-19 ta' Mejju 1952, irriformat dak l-ordni billi rrevokatu in kwantu li bih il-konvenut ġie kundannat iħallas £1. 10. 0 u 7s. 6d. fil-ġimgħa għall-manteniment rispettiv ta' Isabella Formosa u tal-minuri Maria, tifla tagħha, u kkonfermatu in kwantu li bih il-konvenut ġie kundannat iħallas 7s. 6d. fil-ġimgħa għall-manteniment tal-minuri Fredrick Charles, bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi kkunsidrat illi ż-żwieġ bejn il-konvenut u l-imsemmija Isabella, ċelebrat biss bil-forma ċivili, u mhux anki bil-forma mposta mill-liġi kanonika, li hija l-liġi nazzjonali tal-konvenut bħala appartenenti lir-Reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, ma kienx legalment validu, u għalhekk l-imsemmija żewġ minuri, imwieldin minn dak iż-żwieġ, kellhom jiġu kunsidrati bħala tfal illeġittimi; u billi minnhom il-konvenut kien legalment irrikonoxxa bħala ibnu lill-minuri Fredrick Charles biss, l-ordni tal-Qorti Ingliża ġie konfermat biss għall-manteniment ta' dan it-tifel. F'dik is-sentenza, il-Qorti ħassitha fid-dmir li tirrileva illi, peress li t-talba ta' Isabella Formosa quddiem il-Qorti ta' Durham kienet ġiet magħmula għall-manteniment tagħha u taż-żewġt itfal Maria u Fredrick Charles, għandu jiftiehem li dawn iż-żewġt itfal stess qegħedin jitolbu, per mezz ta' ommhom billi huma minuri, il-manteniment tagħhom minn għand il-konvenut;

Illi in segwitu, milli jidher, l-imsemmija Isabella Formosa, għaliha u għal uliedha, fosthom il-minuri Isabel, li twieldet fl-14 ta' Jannar 1952 (jiġifieri wara li kien ġa ngħata l-ordni fuq riferit mill-Qorti ta' Durham), irrikorriet għan-National Assistance Board għall-manteniment tagħha u tat-tliet uliedha; u dak il-Board, billi ilu jagħti l-għajxien mitlub sa mis-16 ta' Novembru 1953, talab lill-istess Qorti ta' Durham li jiġi mogħti ordni ieħor kontra l-konvenut; u dik il-Qorti, b'deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 1953, ikkundannat lill-konvenut iħallas bħala manteniment £1. 10. 0 fil-ġimgħa għall-għajnuna mogħtija lill-martu, 9s. 2d. fil-ġimgħa għall-għajnuna mogħtija lil kull wieħed mit-tliet

itfal minuri sakemm dawn jgħalqu s-sittax il-sena, kif ukoll £5. 13s. 6 għall-ispejjeż tal-Qorti li saru mill-Board għall-otteniment tal-ordni fuq imsemmi, li l-konferma tiegħu qegħedha tiġi kunsidrata f'din il-kawża;

Illi, għalkemm l-eċċezzjoni tar-"res judicata", opposta mill-konvenut, ma fijhiex limitazzjoni, il-Qorti sejra tifhimha u tikkunsidraha bħala ċirkoskritta għal dawk biss li kienu fil-kawża deċiża fid-19 ta' Mejju 1952, in kwantu b'dik is-sentenza ġiet dikjarata l-invalidità taż-żwieġ tal-konvenut ma' Isabella neé Gray, bil-konsegwenza li l-istess Isabella u bintha Constance (billi ma ġietx rikonoxxuta mill-konvenut) ma kienux intitolati jitolbu l-manteniment minn għandu. Hu evidenti, del resto, li l-ġudikat ma jistax ikun oppost għal dak li jirrigwarda l-minuri Isabel, li ma kienetx rappreżentata fil-proċeduri definiti b'dak il-ġudizzju, u lanqas għar-rigward tal-minuri Fredrick Charles in kwantu għall-entità u awment tal-pensjoni alimentarja, li għaliha d-dritt ġa kien rikonoxxut u konfermat bid-deċiżjonijiet fuq riferiti;

Illi l-imse''aħ fil-kawża, Professur Dr. Victor Caruana, bħala mandatarju ta' Isabella Formosa u ta' uliedha, qiegħed jopponi għall-ġudikat; għar-raġuni illi dawn ma kienux parti fil-ġudizzju definit bis-sentenza tad-19 ta' Mejju 1952, mentri l-leġittimi kontraditturi kienu proprju huma (ara nota fol. 83);

Illi dawk il-proċeduri, kif ġie fuq osservat, saru minn Isabella Formosa, fl-interess tagħha u taż-żewġ uliedha Maria u Fredrick Charles, u dina l-Qorti, kif ġie rilevat fis-sentenza, stqarret b'mod ċar u mingħajr ekwivoċi, illi kellu jiftiehem li dawk iż-żewġ minuri per mezz ta' ommhom kienu qegħedin jitolbu huma stess il-manteniment; għalhekk anki l-minuri kienu legalment parti f'dawk il-proċeduri bħal ma kienet l-istess ommhom, li kienet qegħedha tirrappreżentahom; bil-konsegwenza li dik id-deċiżjoni hija ġuridikament vinkolanti (art. 235 Proċ. Ċiv.);

Illi xejn ma jiswa li l-imsemmijin Isabella Formosa u wliedha ma ġewx materjalment notifikati bil-proċeduri li żvolġew ruħhom f'dawn il-Gżejjer; għaliex il-liġi tikkontempla biss in-notifika lill-persuna li kontra tagħha tkun *tintalab il-konferma tal-ordni (art. 6 (1) Kap. 76); u dana,* sabiex tkun tista' tagħti dawk l-eċċezzjonijiet kollha li kienet fid-dritt li tagħti kieku kienet preżenti fil-proċedura oriġinali (art. 6 (3) Kap. ċitat), fosthom l-eċċezzjoni tannullità taż-żwieġ (ara f'dan is-sens id-deċiżjoni mgħotija mill-Qorti tal-Appell tar-Re fit-30 ta' Ottubru 1931, in re "*The Court* vs. *John Stanford Walten*", *riportata fil-Kollezzjoni*, Vol. XXVIII-I-152);

Illi lanqas jista' jingħad li l-ġudikat jirrigwarda ordni mogħti mill-Qorti ta' Durham li kien provviżorju, għaliex dak l-ordni sar definittiv bil-pronunċjament tal-Qorti "ad *quam*". Dina evidentement kienet l-intenzjoni tal-leġislatur tagħna, li hekk mar jesprimi ruħu fl-okkażjoni li ġiet minnu proposta l-liġi: — "When a provisional order is made by the Court, it is sent to the Governor, who transmits it to the Secretary of State, if the person against whom the order is made is known to be resident in England. The Secretary of State forwards the order to the Court of the place where the debtor resides, and the Court, after summoning the debtor and hearing what he has to say against the Order, makes the Order definite; where upon it can be enforced as if it were a judgment given by the confirming Court". U f'seduta oħra, l-Avukat tal-Kuruna osserva: — "La legge fa una distinzione fra i decreti o sentenze definitive, quelle cioè che sono prese dietro un giudizio formale con citazione dell'altra parte; nel qual caso il decreto, e da noi la sentenza, sarebbe registrabile nell'altro paese immediatamente, senza bisogno di alcuna conferma, in vista del fatto che il decreto o la sentenza è stata data dalla Corte con piena esecuzione di tutte le procedure necessaarie, e i decreti provvisori dati dietro un semplice ricorso, quando non si può emettere la citazione per assenza della parte che deve essere notificata, e quando

si è dato il decreto senza osservanza di tutte le procedure della legge. In quest'ultimo caso si richiede un decreto provvisorio dato senza sentire la parte contro cui si fa istanza. Non potendo un tale decreto avere tutta la forza di una decisione definitiva, il giudizio si deve completare nel luogo di residenza del convenuto" (v. Debates of the Council of Government, seduta 29 ta' Jannar 1921, pag. 1644, u seduta 5 ta' Marzu 1921, paġ. 1862). F'dan is-sens hija wkoll il-ġurisprudenza (v. App. Ċiv. 12 ta' Novembru 1954, in re "Antonia Buttigieg vs. Avv. Dr. Carmelo Zammit et. ne.");

Ma' dan għandu jiżdied illi l-proċedura li ssir, tant barra kemm f'dawn il-Gżejjer, hija unika fuq l-istess atti, u l-assenza ta' waħda mill-partijiet mill-proċediment mhix, għalhekk, biżżejjed biex teskludi l-ġudikat; diversament, f'każi bħal dawn, regolati minn liġi speċjali, ma tkun tista' titwieled qatt ir-"res judicata";

Illi n-National Assistance Board, ammess "in statu et terminis", rappreżentat ukoll mill-Professur Caruana, qiegħed jopponi u jikkontesta l-eċċezzjoni tal-ġudikat, billi l-Board għandu favur tiegħu dritt proprju lilu rikonoxxut mill-art. 43 tan-National Assistance Act, 1948, u anki għaliex huwa kien u baqa' terz estraneu għall-proċeduri in kwistjoni;

Huwa veru li skond l-art. 43 fuq ċitat, "when assistance is given or applied for by reference to the requirements of any person, the Board or the local authority concerned may make a complaint to the Court against any other person who for the purposes of this Act is liable to maintain the person assisted"; veru wkoll li l-Board ma kienx parti fill-proċeduri kif fuq definiti; iżda jibqa' veru wkoll li s-sentenza tad-19 ta' Mejju 1952, invokata mill-konvenut, iddeċediet kwistjoni li tirrigwarda li "status personarum", sew dwar in-nullità taż-żwieġ tal-konvenut ma' Isabella neé Gray, sew dwar il-konsegwenzjali illeġit-

timità tat-tfal li kienu twieldu minn dak iż-żwieġ, sew ukoll dwar ir-rikonoxxjment jew le ta' dawk it-tfal. U dana l-pronunċjament sar, kif fuq ingħad, fil-konfront tal-kontraditturi leġittimi. U billi hu magħruf illi li "status personarum" hu materja li tirrigwarda l-ordni publiku, minn dan tiġi n-neċessità li pronunċjamenti simili jkollhom effett anki fil-konfront tat-terzi — "faciunt jus quoad omnes";

U l-Baudry, b'riferenza għall-ġudikati dwar iż-żwieġ, josserva illi "poichè il matrimonio estende i suoi effetti, colla forza delle cose, fuori della cerchia dei coniugi, l'autorità della cosa giudicata, quanto ad esso, deve oltrepassare anche questa cerchia. In altri termini, consacrato 'erga omnes' allorchè il matrimonio è valido, lo stato delle parti è regolato similmente riguardo a tutti allorche è nullo, e i terzi debbono sempre prenderlo coi caratteri segnati dalla cosa giudicata, perchè essi non hanno diritti propri da far valere a suo riguardo" (Persone, Vol. III, 1889). Identiku huwa wkoll l-insenjament ta' Francesco Degni fil-monografija tiegħu "Del Matrimonio", fejn afferma illi "l'annullamento del matrimonio produce i suoi effetti anche rispetto ai terzi nei rapporti coi figli, l'annullamento del matrimonio produce la conseguenza che questi cessano di avere la qualità di legittimi" (Diritto Civile Italiano, op. ċit., Vol. II, paġ. 285 u 282);

Illi, kwantu għall-minuri Isabel Formosa, kif ġie fuq notat, ma għandux jiftiehem li l-eċċezzjoni tal-ġudikat ġiet mill-konvenut mogħtija anki fil-konfront ta' dik il-minuri, billi din ma kienetx u ma setgħetx tkun parti fil-proċeduri li minnhom jidderiva l-ġudikat; u konsegwentement fil-konfront tagħha l-kwistjoni tibqa' impreġudikata;

Rat in-nota tal-appell tal-Professur Dr. Victor Caruana fil-kwalità tiegħu premessa, barra milli bħala prokuratur ta' Isabel Formosa minorenni kif rappreżentata minn ommha, li biha appella mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ġunju 1956;

Rat il-petizzjoni tal-Professur Dr. Victor Caruana ne., li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiġi revokata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tar-"res judicata" fil-konfront ta' Isabella Formosa neé Gray u ta' bintha Constance Maria Formosa u tal-minuri Fredrick Charles Formosa, u jiġi minflok deċiż illli din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda; u tiġi konfermata in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni fil-konfront tal-minuri Isabel Formosa; u jiġi deċiż għall-akkoljiment tad-domandi, u ċjoè għall-konferma tal-Ordni tal-10 ta' Diċembru 1953; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' Carmelo Formosa, li wieġeb li, biex wieħed jara jekk hemmx ġudikat jew le, wieħed irid jiddeċidi fid-dawl tal-Liġi tal-Maintenance Orders; u illi waħda mill-eċċezzjonijiet li l-konvenut jista' jagħti hija jekk iż-żwieġ huwiex validu; u meta huwa ta dik l-eċċezzjoni, huwa pprevalixxa ruħu minn dak id-dritt, u l-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni; u huwa kontrosens li tgħid li dak il-ġudikat mhux ġudikat; u għaldaqstant il-konvenut ipprevalixxa ruħu mill-appell tal-Professur Victor Caruana, u talab li s-sentenza appellata tiġi konfermata in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni tal-ġudikat għar-rigward ta' Isabel Formosa u tal-minuri Constance Maria u Fredrick Charles; u wara li qal li l-ġudikat fuq l-istat ta' persuna jiswa "quoad omnes", u li għalhekk id-deċiżjoni li ż-żwieġ ma kienx validu tiswa anki kontra l-minuri Isabella Formosa, li twieldet wara dik il-kawża, talab li s-sentenza appellata tiġi riformata fis-sens li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tiġi akkolta wkoll fil-konfrent tal-minuri Isabella Formosa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-omm, Isabella Formosa, imwielda Gray, iżżewġet ċivilment fl-Ingilterra lill-konvenut, li allura kien joqgħod hemm; u peress li dana ġie Malta, u ħalla warajh lill-martu bla manteniment, din ċċitu quddiem il-Qorti ta' Durham

għall-alimenti għaliha u għaż-żewġ uliedha Constance Maria u Frederick Charles. Il-Qorti ta' Durham ħarġet "maintenance order" provviżorju kontra l-konvenut, u kkundannat lill-konvenut iħallas lil dik Isabella Formosa ċerta rata ta' alimenti għaliha u għall-uliedha. Imħarrek hawn Malta għall-konferma ta' dak l-"Order", il-konvenut ma ppreżenta ebda nota ta' eċċezzjoni; iżda deher u ta x-xhieda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li kkonfermat l-"Order" in kwantu għall-alimenti ta' Fredrick Charles, u rrevokat l-istess Ordni in kwantu għall-alimenti ta' Isabella Formosa u ta' bintha Constance Maria, billi fil-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha dik il-Qorti rriteniet li bejn Isabella Formosa u l-konvenut ma kienx hemm żwieġ validu, u li Constance Maria ma kienetx ġiet rikonoxxuta mill-konvenut validament bħala bintu;

Wara dak l-"Order" provviżorju tal-Qorti ta' Durham, lill-Isabella tweldtilha tifla, Isabelle, li ġiet ukoll reġistrata minn ommha bħala bint il-konvenut. Intant Isabella Formosa irrikorriet għan-National Assistance Board għall-alimenti tagħha u tat-tliet uliedha; u dak il-Board ħariġilhom il-manteniment. Iżda bis-saħħa tas-section 43 tan-National Assistance Act, 1948 (Ch. 11 & 12, Geo. 6), dak il-Board għamel ilment lill-Qorti ta' Durham; u talab u ottjena "maintenance order" provviżorju kontra l-konvenut għall-ħlas lil dak il-Board ta' kemm intqal fit-taħrika, għall-assistenza li l-Board kien ta u kien qiegħed jagħti lil dik Isabella Formosa u t-tliet uliedha fuq imsemmija. Dak l-"Order" ġie mibgħut lill-Qorti ta' Malta għall-proċedura tal-konferma; u jifforma l-meritu tal-kawża preżenti;

Fil-proċediment quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-Prof. Victor Caruana ġie msejjaħ fil-kawża bħala prokuratur ta' Isabella Formosa, tant f'isimha proprju kemm fl-interess ta' uliedha, u ġie wkoll ammess "in statu et terminis" fil-kawża bħala rappreżentant tan-National Assistance Board;

Il-Qorti tirrileva li l-azzjoni tal-Board hija l-azzjoni oblikwa "debitor debitoris mei"; għax il-Board intant jista' jaġixxi kontra l-konvenut in kwantu l-konvenut huwa obligat imantni l-persuni assistiti mill-Board stess, kif jidher mill-eżami tas-sect. 43 tan-National Assistance Act, 1948. Għaldaqstant, fil-konfront tal-konvenut dak il-Board jinsab fl-istess pożizzjoni ġuridika li fiha jinsabu Isabella Formosa u wliedha; u għalhekk, jekk hemm ir-"res judicata" kontra Isabella Formosa u wliedha, l-ostakolu tar-"res judicata" jiswa wkoll kontra dak il-Board;

Ikkunsidrat;

Illi f'dina l-kawża preżenti, Isabella Formosa, permezz tal-prokuratur tagħha Professur Caruana, qegħedha tidher għaliha nnfisha u fl-interess ta' wliedha, sewwa sew kif kienet tidher fil-kawża maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bid-deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 1952; bid-differenza biss li f'din l-aħħar kawża Isabella Formosa ma kienetx qegħedha tidher ukoll għall-interess ta' bintha Isabelle. Fiż-żewġ kawżi hemm l-istess talba, kontra l-istess konvenut, bażata fuq l-istess kawżali; u għalhekk il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni tar-"res judicata", li ġiet maqtugħa mill-Ewwel Qorti, u li tifforma l-meritu tal-appell preżenti;

Ikkunsidrat;

Illi fil-motivazzjoni li fuqha huwa bażat id-dispożittiv tad-deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 1952, fuq imsemmija, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kkunsidrat mhux validu ż-żwieġ ċivili tal-konvenut mal-konvenuta Isabella mwielda Gray, u għalhekk ikkunsidrat bħala illeġittimi l-ulied imwielda minn dik l-unjoni; anzi, fil-każ tat-tifla Maria Constance, din ġiet kunsidrata bħala mhux rikonoxxuta mill-konvenut bħala bintu. L-appellant jirritjeni li fuq dawk iż-żewġ kwistjonijiet id-deċiżjoni fuq imsemmija ma tiffurmax ġudikat kontra l-appellanti, għax fuq dawn il-kwistjonijiet kienet tonqos fil-kawża l-preżenza tal-leġittimi kontradittturi, li huma Isabella Formosa mwielda Gray u wliedha;

Ikkunsidrat;

Illi verament il-proċediment fil-każ ta' Maintenance Orders huwa uniku; jibda f'pajjiż u jispiċċa f'ieħor. Meta beda quddiem il-Qorti ta' Durham, Isabella Formosa mwielda Gray kienet parti attriċi, u għalhekk kienet parti anki fil-proċediment speċjali sussegwenti li sar f'Malta fuq l-istess atti, għalkemm hija kienet materjalment assenti. B'dana kollu, għalkemm dik Isabella Formosa talbet l-alimenti wkoll għal uliedha, ma jistax jingħad li hija kienet qegħedha tirrappreżentahom leġittimament fil-ġudizzju għall-finijiet tad-drittijiet ċivili tagħhom, partikularment rigward l-istat ċivili tagħhom. Għalkemm il-Qorti ta' Durham, fiddigriet tagħha, affidat il-kustodja tal-ulied lil dik ommhom, u bħala tali dik ommhom setgħet titlob il-manteniment għalihom. b'dana kollu l-istess Qorti ma ħatritx lil dik ommhom bħala kuratriċi tagħhom 'ad litem", u rappreżentanza legali tagħhom "ipso jure" ma kellhiex. Għaldaqstant, apparti dak li sejjer jingħad il-quddiem fuq konsiderazzjonijiet oħra. is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1952 ma setgħet qatt tifforma ġudikat fuq l-istat ċivili tal-minuri. U tabilħaqq, illiġi stess tirrikjedi li l-azzjoni taċ-ċaħda tal-paternità issir kontra kuratur tal-minuri mqabbad mill-Qorti (art. 88 Kodiċi Ċivili);

Ikkunsidrat;

Illi milli jista' jidher mill-proċess ta' dik il-kawża, maqtugħa bis-sentenza tad-19 ta' Mejju 1952 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-kwistjonijiet fuq imsemmija, tal-validità taż-żwieġ u tal-istat ċivili tal-ulied, ġew imqajma mhux "ope exceptionis" mill-konvenut, iżda "ex officio" mill-Qorti. Iżda l-ewwel waħda, relattiva għaż-żwieġ, kienet waħda mirraġunijiet possibbli li għaliha, skond id-dikjarazzjoni tal-Qorti ta' Durham, il-konvenut seta' jopponi t-talba;

Ċertament, quddiem eċċezzjoni tant gravi dwar in-nullità taż-żwieġ u dwar il-filjazzjoni leġittima tal-minuri, kien

ikun dejjem aktar prudenti u konsiljabbli li l-Qorti, jew tissoprassjedi sakemm dawk il-kwistjonijiet inċidentali jiġu dedotti b'azzjoni appożita u deċiżi in vija prinċipali in kontestazzjoni tal-leġittimu kontradittur, jew almenu tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti ta' Durham biex tisma provi ulterjuri fuq l-inċident, u b'hekk tagħti l-opportunità lill-parti assenti li tiddefendi ruħha, kif sar, fost każi oħrajn, in re "The Court vs. Anthony Scott (Scotto)", bid-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Marzu 1936, bis-saħħa tal-art. 6 para. 5 tal-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance (Chap. 76 LL. ta' Malta). Sfortunatament, dan ma sarx, u għalhekk fuq il-kwistjonijiet inċidentali l-Qorti lanqas qagħdet għall-prinċipju fondamentali tal-ġustizzja naturali tal-"audi alteram partem";

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 6 para. 3 u 4 tal-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance, "fis-smiegħ tal-kawża, il-persuna notifikata biċ-ċitazzjoni tista' tagħti dawk l-eċċezzjonijiet kollha fil-proċedura oriġinali li setgħet tagħti kieku kienet parti fihom, imma ebda eċċezzjoni oħra; u ċ-ċertifikat tal-Qorti li tat id-digriet provviżorju, bil-motivi li fuqhom id-digriet sata' ġie kontestat kieku l-persuna li kontra tagħha ġie mogħti kienet parti fil-proċedura, jagħmel prova konkludenti li dawk il-motivi huma motivi li jistgħu jiġu kontestati. Jekk fis-smiegħ tal-kawża l-persuna notifikata biċ-ċitazzjoni ma tidherx, jew, fil-każ li tidher, ma tissoddisfax lil-Qorti li d-digriet ma għandux jiġi mwettaq, il-Qorti tista' twettaq id-digriet, jew mingħajr ebda tibdil, jew b'dak it-tibdil li, wara li tisma l-provi, jidhrilha ġust";

Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma konformi għas-subsections 3 u 4 tas-section 4 tal-Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Act, 1928, tal-Ingilterra, li ġew interpretati mill-Qrati Ingliżi fis-sens li ma jipprekludux

lill-persuna mħarrka milli tqajjem eċċezzjonijiet mhux inklużi fiċ-ċertifikat tal-Qorti tal-oriġini (ara sent. in re Wheat, 96, J.P. 399; 48 T.L.R. 675, in re Harris vs. Harris (1949) 2 All E.R. 318). Iżda minn dawk id-dispożizzjonijiet jidher ċar li l-oppożizzjoni għall-konferma tad-digriet għandha tiġi mill-konvenut, għax huwa dan li jista' jqajjem l-eċċezzjonijiet kontra t-talba, salvo li l-Qorti teżaminahom u tiddeċidihom, jew tagħti l-provvediment tar-rinviju. Fil-każ taddeċiżjoni fuq imsemmija tad-19 ta' Mejju 1952, il-konvenut baqa' kontumaċi, billi ma ppreżenta ebda nota ta' eċċezzjonijiet, u għalhekk ma jirriżultax li qajjem ebda eċċezzjoni, la minn dawk imsemmijin fiċ-ċertifikat tal-Qorti ta' Durham, u lanqas oħrajn ġodda. Huwa veru li deher fissmiegħ tal-kawża u xehed, u fix-xhieda tiegħu qal li kienu ilhom miżżewġin sentejn u nofs, u ma żżewġux bil-Knisja, u li miż-żwieġ kellhom żewġt itfal; iżda b'daqshekk il-konvenut ma qajjemx l-eċċezzjoni tan-nullità taż-żwieġ tiegħu, u lanqas biss semma li ż-żwieġ tiegħu mhux bil-Knisja ma kienx validu. Wisq anqas ma qajjem eċċezzjoni dwar l-istat ċivili tal-minuri, u lanqas biss semma li dawk ma kienux uliedu jew li ma humiex uliedu leġittimi. Il-kwistjonijiet inċidentali ta' dawk l-eċezzjonijiet qajmithom "ex officio" l-Qorti, u qatgħethom mingħajr ma ġiet mogħtija lil Isabella Formosa l-opportunità li tagħti r-raġunijiet tagħha u tikkumbattihom. Intant, b'konsegwenza tal-konklużjoni li għaliha dik il-Qorti waslet fuq dawk l-eċċezzjonijiet, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bid-deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 1952, ċaħdet il-konferma tad-digriet tal-Qorti ta' Durham relattivament għall-alimenti ta' Isabella Formosa u ta' bintha Maria Constance;

Ikkunsidrat;

Illi l-inosservanza u vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet u prinċipji proċedurali fuq imsemmija ġiebu lil Isabella Formosa u lill-uliedha preġudizzju gravi li mhuwiex rimedjabbli ħlief bl-annullament tas-sentenza; u għalhekk dik issentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Mejju

1952, fuq imsemmija, hija nulla (art. 792, para. (1) (a) Kod. Proċ. Ċivili); u bħala nulla ma jistax ikollha forza u effett ta' "res judcata";

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-appell billi tiddikjara nulla u bla ebda effett is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-19 ta' Mejju 1952, fuq imsemmija, in re "Il-Qorti vs. Carmelo Formosa"; u għalhekk tilqa' l-appell tal-appellant Professur Victor Caruana nomine, tirrevoka s-sentenza appellata fil-kap devolut lilha fuq l-appell ta' dak il-Professur Caruana nomine, tiċħad l-eċċezzjoni tar-"res judicata" ġa milqugħa mill-Ewwel Qorti rigward Isabella Formosa u uliedha Charles Fredrick u Constance Maria u n-National Assistance Board, u tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenut, u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata relattivament għaċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tar-"res judicata" rigward il-minuri Isabel Formosa, iżda biss fissens tal-konsiderazzjonijiet premessi; u tordna li l-ispejjeż kollha tal-inċident jitħallsu mill-konvenut;

U tirrinvija l-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex titkompla skond il-liġi.